

Brussell, 28 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13863/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0315 (NLE)

RESUA 25
FIN 1190
ECOFIN 1334
ELARG 110
COEST 742
DEVGEN 171
UA PLATFORM 14

NOTA

Suġġett: ANNESS tad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li
tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament tal-ħames
pagament parzjali tal-appoġġ fil-forma ta' self skont il-Pjan għall-Ukrajna
tal-Faċilità għall-Ukrajna

ANNES

Valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-passi marbuta mal-ħames pagament parzjali tal-appoġġ fil-forma ta' self skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fid-9 ta' Settembru 2025, l-Ukrajna ressqet talba għall-pagament ta' parti mill-ħames pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna.¹ Biex tappoġġa t-talba għall-pagament, l-Ukrajna pprovdiet ġustifikazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti ta' 10 passi stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, kif emendat mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2025/2157 tas-17 ta' Ottubru 2025 ("l-Anness tas-CID").²⁺ Wieħed minn dawk l-10 passi huwa pass pendent mir-raba' pagament parzjali tal-Pjan.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ukrajna, l-10 passi jitqiesu li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti.

Bħala parti mill-**Kapitolu 4**, daħlet fis-seħħ il-leġislazzjoni li tirrifirma l-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi.

Bħala parti mill-**Kapitolu 5** dwar is-swieq finanzjarji, ġiet adottata l-istrateġija għar-risoluzzjoni ta' self li ma jrendix.

Bħala parti mill-**Kapitolu 7** dwar il-kapital uman, daħlet fis-seħħ il-leġislazzjoni dwar l-edukazzjoni vokazzjonali u ġiet adottata r-risoluzzjoni dwar l-akkwist tas-servizzi soċjali.

Bħala parti mill-**Kapitolu 8** dwar l-ambjent tan-negozju, ġew adottati l-istrateġija tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium enterprises) u l-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha.

Bħala parti mill-**Kapitolu 9** dwar id-deċentralizzazzjoni u l-politika reġjonali, l-istudju dwar il-miżuri meħtieġa biex tingħata personalità ġuridika lill-muniċipalitajiet ġie approvat u ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Iżvilupp tal-Komunitajiet u t-Territorji tal-Ukrajna.

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157 tas-17 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

Bħala parti mill-**Kapitolu 10** dwar is-settur tal-enerġija, ġie adottat il-pjan direzzjonali tal-proċess ta' separazzjoni tal-Ħlas Addizzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli mit-tariffa tat-trażmissjoni.

Bħala parti mill-**Kapitolu 13** dwar il-ġestjoni tal-materja prima kritika, ġew ippubblikati sensiela ta' proġetti ta' investiment għall-estrazzjoni tal-materja prima kritika u tnediet u ġiet ippubblikata offerta internazzjonali għall-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti (PSA, product sharing agreement).

Bħala parti mill-**Kapitolu 15** dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali, reġgħet tkomplet is-sistema obbligatorja ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV, monitoring, reporting and verifying).

Pass 4.7

Isem il-pass: Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirrifirma l-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi
Riforma/investiment relatat: Riforma 2. Titjib tal-qafas legali għal ġlieda aktar effettiva kontra l-korruzzjoni
Iffinanzjat minn: self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-Pass 4.7 deskritt fl-Anness tas-CID huwa: <i>"Dħul fis-seħħ tal-Liġi li tirrifirma l-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi. Il-liġi tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - <i>proċedura tal-għażla trasparenti u bbażata fuq il-mertu għall-kap tal-aġenzija, inkluż kontroll kredibbli tal-integrità u l-professjonaliżmu;</i> - <i>sistema esterna indipendenti ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni;</i> - <i>proċedura trasparenti għall-ġestjoni u l-bejgħ ta' assi sekwestrati taħt il-kontroll tal-aġenzija."</i> Il-pass 4.7 huwa t-tielet minn erba' passi fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 4 (il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus). Dan kien preċedut mill-Pass 4.4 (id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Kriminali emendat u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) u l-Pass 4.6 (l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025), li ġew ivvalutati b'mod pożittiv fit-tielet trimestru tal-2024. Dan huwa segwit mill-Pass 4.5 (mistenni sat-tieni trimestru tal-2026) dwar l-adozzjoni ta' strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni u programm statali kontra l-korruzzjoni għall-perjodu wara l-2025.
Evidenza pprovduta 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID; 2) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4503-IX "Dwar l-Emendi tal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Aġenzija Nazzjonali tal-Ukrajna għad-Detezzjoni, l-Investigazzjoni u l-Ġestjoni ta' Assi Derivati mill-Korruzzjoni u Reati Oħra" Rigward it-Tisħiħ tal-Kapaċità Istituzzjonali tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Ukrajna għad-Detezzjoni, l-Investigazzjoni u l-Ġestjoni ta' Assi Derivati mill-Korruzzjoni u Reati Oħrajn, u t-Titjib tal-Mekkaniżmi ta' Ġestjoni tal-Assi" bid-data tat-18 ta' Ġunju 2025.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 4.7.

L-objettiv tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 4 (il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus) huwa li jissaħħu l-istituzzjonijiet ewlenin kontra l-korruzzjoni u li tiġi ssimplifikata l-proċedura kriminali biex tiżdied l-effiċjenza tagħhom, inkluż f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Ir-riforma tindirizza wkoll in-nuqqasijiet relatati mal-irkupru u l-ġestjoni tal-assi fil-livelli istituzzjonali u proċedurali. Għal dan l-għan, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi Nru 4503-IX fit-18 ta' Ġunju 2025. Il-liġi tintroduċi bosta titjib fil-ġestjoni u l-funzjonament tal-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi (ARMA, Asset Recovery and Management Agency). Il-liġi daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 2025.

Il-liġi tipprovdi proċedura tal-għażla trasparenti u bbażata fuq il-mertu għall-kap tal-aġenzija, inkluż kontroll kredibbli tal-integrità u l-professjonaliżmu. Din tinkludi rekwiżiti ta' kwalifika u integrità u kriterji għall-ineliġibbiltà għall-pożizzjoni. Ir-rekwiżiti tal-kwalifiki jinkludu edukazzjoni legali jew ekonomika għolja u mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali rilevanti. Il-liġi tiddekrivi l-kompożizzjoni tal-kummissjoni tal-kompetizzjoni għall-għażla tal-kap tal-ARMA. Tlieta mis-sitt membri tal-kummissjoni tal-kompetizzjoni jinħatru mill-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna (CMU, Cabinet of Ministers of Ukraine) fid-diskrezzjoni tiegħu, filwaqt li t-tlieta l-oħra jinħatru mis-CMU abbażi tal-proposti ta' donaturi internazzjonali minn lista konġunta ta' kandidati. Il-kummissjoni tal-kompetizzjoni tapprova u tippubblika l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kompetenza u l-integrità tal-kandidati. Il-kap tal-ARMA jinħatar għal perjodu ta' ħames snin u jista' jokkupa din il-kariga biss għal mandat konsekuttiv wieħed.

Il-liġi tintroduċi sistema esterna indipendenti ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni. Il-liġi tipprevedi li l-valutazzjoni esterna indipendenti (rendikont) tal-effettività tal-ARMA titwettaq sena wara l-ħatra ta' kap ġdid, imbagħad it-tieni darba tliet snin wara l-ħatra. Il-kummissjoni tal-evalwazzjoni esterna hija magħmula minn tliet membri maħtura mis-CMU abbażi tal-proposti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-liġi tistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-membri tal-kummissjoni tal-evalwazzjoni u tistipula li l-membri jridu jaġixxu b'mod indipendenti. Il-kummissjoni tal-evalwazzjoni għandha aċċess għad-dokumenti fil-pussess tal-ARMA u tista' titlob ukoll li awtoritajiet oħra jipprovduhom l-informazzjoni meħtieġa għall-ħidma tagħhom. Il-kummissjoni tal-evalwazzjoni se tipprovdi konklużjoni motivata rigward l-effettività tal-attivitajiet tal-ARMA, kif ukoll rakkomandazzjonijiet għall-eliminazzjoni tan-nuqqasijiet identifikati fil-ħidma tal-aġenzija u għat-tisħiħ tal-effettività tal-attivitajiet tagħha.

Il-liġi tintroduċi bosta titjib fil-proċedura għall-ġestjoni u l-bejgħ ta' assi maqbuda. Din tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali dwar il-qbid u t-trasferiment tal-assi lill-ARMA, il-valutazzjoni tal-assi, u l-ħżin tagħhom.

Il-liġi tagħti mandat lill-ARMA biex timmaniġġja l-assi bil-ħsieb li tippreserva l-valur ekonomiku tagħhom u tipprevjeni r-riskji ta' dannu jew telf ta' tali assi. Il-liġi tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-maniġers tal-assi u tipprevedi li ARMA trid tfassal pjan ta' ġestjoni tal-assi għall-assi ttrasferiti lill-maniġment ta' ARMA. Il-liġi fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ġestjoni ta' ċerti kategoriji ta' assi bħal flus kontanti, titoli, u proprjetà immobbli. Il-liġi tintroduċi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-bejgħ ta' assi maqbuda permezz ta' rkantijiet fis-sistema tal-kummerċ diġitali.
Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 5.4

Isem il-pass: Adozzjoni tal-istrateġija għar-riżoluzzjoni ta' self li ma jrendix
Riforma/investment relatat: Riforma 3. Riżoluzzjoni mtejbja ta' self li ma jrendix
Iffinanzjat minn: self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 5.4 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Adozzjoni tal-istrateġija għar-riżoluzzjoni tas-self li ma jrendix f'konformità mal-prattiki rilevanti tal-UE. L-istrateġija tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - <i>it-tisħiħ tar-rekwiżiti prudenzjali għar-rikonoxximent u r-riżoluzzjoni tal-NPL;</i> - <i>l-iskambju ta' data dwar l-NPLs u data rilevanti oħra tas-suq bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-aġenziji tal-istat biex tittejjeb ir-riżoluzzjoni tal-NPL;</i> - <i>rieżami tal-ostakli potenzjali u l-iżvilupp ta' miżuri biex jittejjeb il-qafas tar-ristrutturar u tar-riżoluzzjoni tal-NPL."</i> Il-Pass 5.4 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 3 tal-Kapitolu 5 (Swieq Finanzjarji). Dan huwa segwit mill-Pass 5.5 (dovut sal-ewwel trimestru tal-2026) mad-dħul fis-seħħ tal-atti legali biex tittejjeb ir-riżoluzzjoni ta' self li ma jrendix.
Evidenza pprovduta 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID; 2) kopja tal-<i>"Istrateġija ta' Self għall-Iżvilupp"</i> bid-data tas-6 ta' Ġunju 2024.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 5.4.

L-objettiv tar-Riforma 3 fil-Kapitolu 5 (swieq finanzjarji) huwa li ttejjeb ir-risoluzzjoni ta' self improduttiv (NPLs). Għal dan l-għan, il-Kunsill għall-Istabbiltà Finanzjarja tal-Ukrajna adotta l-"Istrateġija ta' Self għall-Iżvilupp" fis-6 ta' Ġunju 2024.

L-istrateġija tfittex li tistabbilixxi qafas leġiżlattiv biex jiġi ffaċilitat is-self, li jinkorpora sett definit ta' miżuri u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni bl-għan li tittejjeb ir-risoluzzjoni tal-NPLs, f'konformità mal-prattiki rilevanti tal-UE, bħal dawk dwar l-insolvenza u l-irkupru tad-dejn.

B'mod partikolari, l-istrateġija tiddekrivi miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tar-rekwiżiti prudenzjali għar-rikonoxximent u r-risoluzzjoni tal-NPLs. Dan jinkludi l-irfinar tad-definizzjoni ta' NPLs billi ssir distinzjoni bejn assi improduttivi u assi inadempjenti, u billi jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' "improduttivi" biex jinkludi assi indeboliti li mhumiex formalment inadempjenti. Miżuri addizzjonali jinkludu l-introduzzjoni mill-ġdid tal-obbligu għall-banek li jaġġornaw u jissottomettu strateġiji għall-ġestjoni u r-risoluzzjoni tal-NPLs.

L-istrateġija tinkludi wkoll miżuri biex jittejjeb l-iskambju ta' data relatat ma' self improduttiv u informazzjoni tas-suq rilevanti oħra bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-aġenziji tal-istat, bl-objettiv li tittejjeb ir-risoluzzjoni tal-NPL. Dawn jinkludu l-espansjoni tal-funzjonalità tar-Reġistru tal-Kreditu tal-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna, it-twessigħ tal-aċċess għall-banek u parteċipanti oħra fis-swieq finanzjarji għar-riżorsi ta' informazzjoni elettronika tal-Istat, l-iżvilupp ta' proposti biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-bejgħ tal-NPL, u r-regoli ta' aċċess assoċjati. Dawn il-miżuri kollha għandhom itejbu r-risoluzzjoni tal-NPL.

Fl-aħħar nett, l-istrateġija tippredvi rieżami tal-ostakli legali u proċedurali u tistabbilixxi miżuri biex jittejjeb il-qafas tar-ristrutturar u tar-risoluzzjoni tal-NPL. Dan jinkludi titjib tal-leġiżlazzjoni rilevanti għar-risoluzzjoni tal-NPL, partikolarment permezz ta' emendi tal-Kodiċi tal-Ukrajna dwar il-Proċedimenti ta' Insolvenza biex jissaħħu l-għażla u s-sorveljanza tal-fiduċjarji tal-falliment, jtejjbu l-proċeduri tal-irkant għall-bejgħ ta' assi falluti, u l-allinjament mal-prinċipji tad-Direttiva 2019/1023³ dwar ir-ristrutturar preventiv. Miżuri addizzjonali għandhom jintroduċu salvagwardji kontra Prattiki frodulent u influwenza indebita fi proċedimenti ta' insolvenza, itejbu l-qafas legali għar-ristrutturar finanzjarju u t-tħassir tad-dejn u jtejjbu r-regolamentazzjoni tal-ġbir tad-dejn u l-eżekuzzjoni tal-kollateral.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

³ <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1023/oj>

Pass 7.1

Isem il-pass: Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-edukazzjoni vokazzjonali
Riforma/investment relatat: Riforma 1. Edukazzjoni vokazzjonali aħjar
Iffinanzjat minn: self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-Pass 7.1 deskritt fl-Anness tas-CID huwa: <i>"Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali." Il-liġi tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - <i>jigħu definiti regoli ġusti għall-funzjonament tal-entitajiet edukattivi fis-suq tas-servizzi edukattivi fil-qasam tal-edukazzjoni vokazzjonali;</i> - <i>il-kapaċità istituzzjonali tal-entitajiet edukattivi li jipprovdu edukazzjoni vokazzjonali formali u mhux formali tiġi estiża;</i> - <i>ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni vokazzjonali, il-partijiet ikkonċernati nazzjonali/lokali u internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli tal-kapital uman fl-Ukrajna jkunu definiti b'mod ċar."</i> Il-Pass 7.1 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 1 tal-Kapitolu 7 (kapital uman).
Evidenza pprovduta 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID; 2) kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4575-IX "Dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali", bid-data tal-21 ta' Awwissu 2025.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 7.1. L-oġġettiv tar-Riforma 1 fil-Kapitolu 7 (kapital uman) huwa li tittejjeb it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni vokazzjonali għas-suq tax-xogħol, jiġi appoġġat l-irkupru tal-Ukrajna u tittejjeb il-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni vokazzjonali. Għal dan l-għan, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi Nru 4575-IX dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali fil-21 ta' Awwissu 2025, li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 2025.

Il-liġi tistabbilixxi regoli u kriterji ġusti dwar il-funzjonament tal-entitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training), kif ukoll proċeduri ċari għall-ġhoti ta' kwalifiki lill-istudenti. B'mod partikolari, tistabbilixxi sistema ta' assigurazzjoni interna u esterna tal-kwalità għall-monitoraġġ tas-servizzi edukattivi. F'dan il-kuntest, l-entitajiet tal-VET huma meħtieġa jikkonformaw ma': i) kriterji ta' liċenzjar biex iwettqu l-attivitajiet edukattivi tagħhom, u ii) standards ġodda, inkluż dwar l-eżiti ewlenin tat-tagħlim u l-ammont ta' ECTS (sistema Ewropea għall-akkumulazzjoni u t-trasferiment ta' krediti) meħtieġa biex jinkisbu l-kwalifiki edukattivi.

Bir-riforma tal-istatus organizzazzjonali u legali tas-sistema tal-VET, il-liġi ttejjeb il-qafas istituzzjonali ġenerali tas-sistema u l-kapaċità istituzzjonali tal-entitajiet tal-VET li joperaw kemm fl-edukazzjoni formali kif ukoll f'dik informali. Pereżempju, il-liġi ssaħħa l-awtonomija finanzjarja tal-entitajiet tal-VET, u tippermettilhom iżidu wkoll is-salarji għall-għalliema tagħhom bl-aħjar prestazzjoni. Barra minn hekk, il-liġi tistabbilixxi b'mod ċar il-korpi inkarigati mill-ġestjoni ta' kull istituzzjoni u r-responsabbiltajiet tagħhom. Dan jinkludi, pereżempju, ir-rwol tal-bordijiet superviżorji u tal-kunsilli pedagoġiċi.

Il-liġi tistabbilixxi relazzjonijiet aktar ċari fost il-partijiet ikkonċernati involuti fl-ġhoti ta' edukazzjoni vokazzjonali fil-livell nazzjonali u dak lokali. Tistipula li l-Parlament Ukren huwa responsabbli għad-definizzjoni tal-politika tal-istat tal-VET, filwaqt li l-implimentazzjoni tagħha hija kondiviża bejn il-korpi eżekuttivi ċentrali u l-korpi ta' awtogovernanza lokali. Il-liġi tistabbilixxi wkoll Kunsilli Reġjonali tal-Edukazzjoni Vokazzjonali bħala korpi konsultattivi inkarigati mill-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki reġjonali tal-VET, li jlaqqgħu flimkien rappreżentanti tal-awtonomija reġjonali u lokali, impjegaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u rappreżentanti tal-entitajiet tal-VET. Fil-livell internazzjonali, il-liġi tistabbilixxi d-dritt tal-entitajiet tal-VET li jiffirmaw ftehimiet ta' kooperazzjoni u rabtiet ma' sħab internazzjonali biex jipprovdu edukazzjoni vokazzjonali.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 7.10

Isem il-pass: Adozzjoni tar-riżoluzzjoni dwar l-akkwiżizzjoni tas-servizzi soċjali

Riforma/investment relatat: Riforma 8. Sigurtà soċjali aħjar

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 7.10 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

"Adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna dwar ix-xiri ta' servizzi soċjali għad-detriment tal-baġit tal-istat. Ir-Riżoluzzjoni hija fiskalment newtrali u bl-ebda mod ma tħalli impatt fuq is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ukrajna u tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:

- *tranżizzjoni mill-finanzjament tal-istituzzjonijiet għal mudell ta' xiri orjentat lejn ir-riżultati tas-servizzi soċjali;*
- *l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għax-xiri ta' ċerti servizzi soċjali minn fornituri ta' servizzi soċjali pubbliċi u privati rreġistrati abbażi ta' standards u kriterji stabbiliti tas-servizzi soċjali għall-fornituri."*

Il-pass 7.10 huwa l-uniku pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 8 tal-Kapitolu 7 (Kapital Uman).

Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 764 tal-Kabinett tal-Ministri dwar *"Dwar l-Implimentazzjoni ta' Proġett Pilota dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Servizz Soċjali għall-Iżvilupp Komprensiv u l-Kura tat-Tfal b'Diżabilità"* bid-data tal-25 ta' Ġunju 2025.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u l-evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 7.10.

L-objettiv tar-Riforma 8 tal-Kapitolu 7 (Kapital Uman) huwa li jittejjeb il-forniment ta' servizzi soċjali pubbliċi, billi tintroduċi mekkaniżmi għall-akkwist ta' ċerti servizzi minn fornituri rreġistrati. Għal dan l-għan, il-Kabinett tal-Ministri adotta r-Riżoluzzjoni Nru 764, tal-25 ta' Ġunju 2025, li tirriforma s-sistema tal-akkwist għas-servizzi soċjali.

Ir-riżoluzzjoni tikkostitwixxi bidla fil-mod kif jiġu ffinanzjati u pprovduti s-servizzi soċjali għat-tfal b'diżabilità, bi tranżizzjoni minn istituzzjonijiet ta' finanzjament irrispettivament mis-servizzi mogħtija għal mudell ta' xiri orjentat lejn ir-riżultati. Bil-mudell il-ġdid, il-fornituri ta' servizzi huma meħtieġa jiksbu rata ta' attendenza ta' mill-inqas 85 % mir-riċevituri fuq tliet xhur, filwaqt li jiżguraw appoġġ konsistenti u effettiv għat-tfal fil-bżonn.

Billi jimplimenta sistema li tippermetti biss lil fornituri pubbliċi u privati kwalifikati jipparteċipaw, abbażi ta' standards u kriterji ċari, il-mudell għandu l-għan li jiżgura standards għoljin u obbligu ta' rendikont. Dan mhux biss jgħolli l-kwalità ġenerali tas-servizzi li qed jingħataw iżda jistinka wkoll biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunità b'livell ivverifikat ta' kompetenza. B'mod ġenerali, il-mudell huwa fiskalment newtrali u ma jaffettwax is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ukrajna.
Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 8.4

Isem il-pass: Adozzjoni tal-Istrateġija għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) u Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha
Riforma/investiment relatat: Riforma 3. Aċċess għall-finanzi u s-swieq
Iffinanzjat minn: self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-Pass 8.4 deskritt fl-Anness tas-CID huwa: <i>"Adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna dwar l-approvazzjoni tal-Istrateġija għall-SMEs u l-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha. L-istrateġija tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - <i>aċċess għas-swieq;</i> - <i>aċċess għall-finanzi u riżorsi oħra;</i> - <i>aċċess għall-għarfien"</i> Il-Pass 8.4 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 3 tal-Kapitolu 8 (ambjent tan-negozju). Ir-riforma 3 għandha pass addizzjonali 8.5, mistenni fl-ewwel trimestru tal-2026, immirat lejn id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-aċċess għal networks esterni tal-inġinerija.
Evidenza pprovduta 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID; 2) kopja tal-Ordni Nru 821-r tal-Kabinett tal-Ministri <i>"Dwar l-approvazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Trasformazzjoni Diġitali ta' Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju għall-perjodu sal-2027 u l-approvazzjoni tal-pjan operazzjonali ta' miżuri għall-implimentazzjoni tiegħu fl-2024-2027"</i> bid-data tat-30 ta' Awwissu 2024;

- 3) kopja tal-*"Istrateġija għall-Irkupru, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Trasformazzjoni Diġitali ta' Intrapriżi Żgħir u ta' Daqs Medju sal-2027"* li ġiet adottata, li tinkludi l-*"Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Trasformazzjoni Diġitali ta' Intrapriżi Żgħir u ta' Daqs Medju sal-2027 fl-2024-2027"* bħala anness mal-Ordni Nru 821-r bid-data tat-30 ta' Awwissu 2024.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 8.4.

L-objettiv tar-Riforma 3 huwa li tissaħħaħ il-politika tal-gvern dwar l-iżvilupp u l-appoġġ tal-SMEs. Għal dan l-għan, il-Kabinett tal-Ministri approva din l-Istrateġija, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali tagħha, fit-30 ta' Awwissu 2024 bir-Risoluzzjoni Nru 821-r tal-Kabinett.

L-Istrateġija tistabbilixxi għan ġenerali: il-bini mill-ġdid u t-tkabbir tas-settur tal-SMEs matul u wara l-gwerra billi jinħolqu kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli, il-ħolqien tal-valur, l-adozzjoni diġitali u finanzjament aktar faċli, sabiex id-ditti Ukreni jkunu jistgħu jikkompetu f'pajjiżhom u fis-swieq internazzjonali.

Biex jiġi vvalutat il-progress lejn dawn l-objettivi, id-dokument jelenka xi miri li għandhom jintlaħqu sal-2027 li jinkludu ż-żieda tas-sehem tal-SMEs tal-valur miżjud gross għal 74 % u ż-żieda tal-bejgħ tal-SMEs għal UAH 10,65 triljun. L-Istrateġija hija allinjata b'mod espliċitu mar-rekwiżiti tal-adeżjoni mal-UE u mar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD għall-SMEs, u għandha ttipprovdi aċċess aħjar għas-swieq, għall-finanzi u għall-ġarfinen.

Il-Pjan ta' Azzjoni ta' akkumpanjament isarraf l-Istrateġija f'86 miżura numerata eżegwiti minn 15-il-ministeru u 9 aġenziji speċjalizzata sa tmiem l-2027. Il-miżuri huma organizzati taħt erba' pilastri:

- i) Ambjent tan-negozju u finanzji: l-estensjoni tal-iskema "Self affordabbli 5-7-9 %", l-espansjoni tal-ġhotjiet mill-iskema eRobota, il-leġiżlazzjoni għal sistema ta' assigurazzjoni kontra r-riskju tal-gwerra u t-tnedija ta' pjattaforma nazzjonali ta' fatturament diġitali.
- ii) L-innovazzjoni, id-diġitali u l-ekoloġiku: l-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika u pagamenti istantanji, il-forniment ta' vawċers elettroniċi għall-għodod tal-cloud u taċ-ċibersigurtà, l-introduzzjoni ta' kalkolatur tal-impronta tal-karbonju tal-SMEs online u linji ta' kreditu preferenzjali allinjati mar-regoli Ekoloġiċi tal-UE.
- iii) Kapital uman u inklużjoni: il-ħolqien ta' programmi ta' edukazzjoni doppja, inċentivi għar-ritorn tad-dijaspora u finanzjament/taħriġ imfassal apposta għan-nisa, iż-żgħażaġh, il-veterani, il-persuni spostati internament, il-persuni li għandhom aktar minn 50 sena u l-persuni b'diżabilità.
- iv) Kompetittività u esportazzjoni: iż-żieda fl-Aġenzija tal-Kreditu għall-Esportazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni tal-marka "Made in Ukraine" u l-integrazzjoni tal-SMEs fin-Network Enterprise Europe u pjattaformi oħra tal-UE.

Pass 9.2

Isem il-pass: Approvazzjoni u pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Komunitajiet, it-Territorji u l-Iżvilupp tal-Infrastruttura tal-Ukrajna ta' studju dwar il-miżuri meħtieġa biex tingħata personalità ġuridika lill-muniċipalitajiet

Riforma/investment relatat: Riforma 1. Avvanz tad-deċentralizzazzjoni

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 9.2 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Pubblikazzjoni tar-riżultati tal-istudju dwar il-possibbiltà li l-komunitajiet territorjali jingħataw l-istatus ta' entità legali fil-portal web uffiċjali tal-Ministeru għall-Komunitajiet, it-Territorji u l-Iżvilupp tal-Infrastruttura tal-Ukrajna."

Il-Pass 9.2 huwa t-tieni pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 1 "Avvanz tad-deċentralizzazzjoni" tal-Kapitolu 9 (deċentralizzazzjoni u l-politika reġjonali). Ir-riforma 1 għandha pass 9.3 addizzjonali, mistenni fl-ewwel trimestru tal-2026, immirat lejn id-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Awtonomija Lokali fl-Ukrajna".

Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-istudju (monografija) "*Community as a Legal Entity of Public Law: Ukraine in the Context of European and International Experience*" ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Komunitajiet, it-Territorji u l-Iżvilupp tal-Infrastruttura:
<https://mindev.gov.ua/storage/app/sites/1/uploaded-files/monograph-ua.pdf>

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 9.2.

L-objettiv tar-Riforma 1 huwa li jiġi stabbilit qafas għat-trasformazzjoni tal-amministrazzjoni tal-istat lokali f'awtoritajiet tat-tip ta' prefettura u li tiġi żgurata distribuzzjoni aħjar tas-setgħat bejn il-gvern lokali u l-awtoritajiet eżekuttivi. L-istudju "*Community as a Legal Entity of Public Law: Ukraine in the Context of European and International Experience*" (Komunità bħala Entità Legali tad-Dritt Pubbliku: l-Ukrajna fil-Kuntest tal-Esperjenza Ewropea u Internazzjonali) ġie ppubblikat fuq is-sit web uffiċjali tal-Ministeru għall-Iżvilupp tal-Komunitajiet u t-Territorji (peress li l-ministeru ngħata isem ġdid f'Settembru 2024) f'Ġunju 2025.

L-istudju janalizza l-esperjenzi ta' stati oħra fid-determinazzjoni tal-personalità ġuridika tal-komunitajiet, inklużi l-esperjenzi ta' Stati Membri tal-UE, bħall-Ġermanja, il-Polonja u Franza. Huwa janalizza l-kunċett tal-komunità bħala entità legali pubblika fil-kuntest tal-liġi Ukrena u fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-awtonomija lokali stabbiliti fil-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali.

L-istudju jsib li r-rikonoxximent tal-komunitajiet bħala entitajiet legali tal-liġi pubblika huwa pass kritiku għall-Ukrajna biex tiffinalizza r-riforma tad-deċentralizzazzjoni tagħha. L-istudju jipprovdi direzzjonijiet għall-ġoti tal-istatus ta' personalità ġuridika lill-komunitajiet u janalizza l-emendi meħtieġa tal-Kostituzzjoni tal-Ukrajna u l-leġislazzjoni attwali meħtieġa biex jintlaħaq dan.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 10.4

Isem il-pass: L-adozzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-proċess ta' separazzjoni tal-Flas Addizzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli mit-tariffa tat-trażmissjoni

Riforma/investment relatat: Riforma 2. Qafas regolatorju mtejjeb għaż-żieda tal-enerġija rinnovabbli u l-iżgurar ta' operazzjoni stabbli tas-sistema tal-enerġija

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 10.4 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Adozzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-proċess ta' separazzjoni tas-Soprataxxa fuq l-Enerġija Rinnovabbli mit-Tariffa tat-Trażmissjoni bl-identifikazzjoni tal-atti leġiżlattivi meħtieġa u t-termini ta' implimentazzjoni."

Il-Pass 10.4 huwa t-tieni pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 "Qafas regolatorju mtejjeb għaż-żieda tal-enerġija rinnovabbli u l-iżgurar ta' tħaddim stabbli tas-sistema tal-enerġija" tal-Kapitolu 10 (is-settur tal-enerġija). Ir-Riforma 2 għandha żewġ passi addizzjonali. Il-Pass 10.2 dwar l-introduzzjoni ta' qafas ibbażat fuq is-suq għall-enerġija rinnovabbli, mistenni fir-raba trimestru tal-2024, intlaħaq. Il-Pass 10.3 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni biex jittejjbu l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli huwa mistenni fit-tielet trimestru tal-2026.

Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-ordni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 612-r "Dwar l-Approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għas-Separazzjoni tal-Ħlas Addizzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli mit-Tariffa għas-Servizzi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għas-Separazzjoni tal-Ħlas addizzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli mit-Tariffa għas-Servizzi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku għall-2025 u l-2026" bid-data tal-25 ta' Ġunju 2025.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 10.4.

L-oġġettiv tar-Riforma 2 huwa li jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-Ukrajna. Għal dan l-għan, il-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna approva pjan direzzjonali fil-25 ta' Ġunju 2025, permezz tar-Riżoluzzjoni Nru 612-p, li jikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza tal-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jissepara l-ħlas addizzjonali fuq is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli mit-tariffa tat-trażmissjoni.

Il-pjan direzzjonali huwa pass kritiku lejn il-ħolqien ta' mudell aktar trasparenti u bbażat fuq is-suq għall-finanzjament tal-enerġija rinnovabbli fl-Ukrajna. Qabel, il-ħlas addizzjonali fuq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kienet komponent sinifikanti tat-tariffa tat-trażmissjoni, b'porzjon kbir tad-dħul mit-tariffa maħsub biex iħallas għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-pjan direzzjonali jiddeskrivi tranżizzjoni gradwali għal sistema ġdida.

Il-pjan jistabbilixxi separazzjoni gradwali, b'regoli differenti għall-produtturi eżistenti u ġodda tal-enerġija rinnovabbli. Il-ħlasijiet lill-produtturi eżistenti tal-enerġija rinnovabbli se jkomplu jiġu koperti mit-tariffa tat-trażmissjoni sal-1 ta' Jannar 2030. Mill-1 ta' Lulju 2026, il-produtturi l-ġodda tal-enerġija rinnovabbli, inklużi r-rebbieħa tal-irkanti "ekoloġiċi", se jitħallsu permezz ta' ħlas addizzjonali separat u distint.

Din hija bidla ewlenija mmirata biex tiżgura mekkaniżmu ta' finanzjament aktar trasparenti u indipendenti għal proġetti ġodda.

Il-pjan direzzjonali jelenka l-bidliet leġislattivi li huma meħtieġa. L-ewwel nett, il-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku, pass ewlieni fil-Pjan għall-Ukrajna, jeħtieġ li tiġi emendata biex tiġi sseparata bis-sħiħ il-ħlas addizzjonali. It-tieni, il-Kummissjoni Regolatorja Nazzjonali għall-Enerġija u l-Utilitajiet (NEURC, National Energy and Utilities Regulatory Commission) għandha l-mandat li tiżviluppa l-leġislazzjoni sekondarja meħtieġa, inkluż li tadotta l-Metodoloġija għall-kalkolu tal-ħlas addizzjonali għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-emendi tal-Metodoloġija għall-kalkolu tat-tariffa ta' trażmissjoni, għall-Kodiċi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSC, Transmission System Code) u r-Regoli tas-Suq tal-Bejgħ bl-Imnut, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni Prattika tar-regoli l-ġodda.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 13.3

Isem il-pass: Il-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' proġetti ta' investiment għall-estrazzjoni ta' materja prima kritika

Riforma/investiment relatat: Riforma 2. Proċeduri amministrattivi mtejbja

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 13.3 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Pubblikazzjoni ta' sensiela ta' proġetti ta' investiment għall-estrazzjoni ta' materja prima kritika."

Il-Pass 13.3 huwa wieħed minn żewġ passi fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 "Proċeduri amministrattivi mtejbja" fil-Kapitolu 13 (ġestjoni tal-materja prima kritika), mistenni fit-tieni trimestru tal-2025. It-tieni pass huwa l-Pass 13.4, li huwa wkoll parti mill-pagament parzjali attwali. Ir-Riforma 2 għandha Pass 13.5 addizzjonali wieħed, mistenni fl-ewwel trimestru tal-2025, diġà vvalutat b'mod pożittiv taħt ir-raba' pagament parzjali.

Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tas-sensiela ppubblikata ta' proġetti ta' investiment għall-estrazzjoni ta' materja prima kritika, ippubblikata fuq is-sit web tal-Istħarriġ Ġeoloġiku Ukren:
<https://www.geo.gov.ua/wp-content/uploads/presentations/ukr/investicijnij-atlas-nadrokoristuvacha-strategichni-ta-kritichni-minerali.pdf>

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 13.3.

L-objettiv tar-Riforma 2 huwa li tiġi ottimizzata l-proċedura u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-investituri potenzjali. L-għan ewlieni huwa li jittejjbu t-trasparenza, il-ħeffa u l-kosteffiċjenza għal deċiżjonijiet ġodda ta' investment.

Is-sensjela ta' proġetti ta' investment għall-estrazzjoni ta' materja prima kritika (l-"Atlas ta' Investment ") huwa ppubblikat fuq is-sit web uffiċjali tal-Istħarriġ Ġeoloġiku bl-iperlink: <https://www.geo.gov.ua/en/critical-raw-materials>

Id-dokument jippreżenta sensjela ta' opportunitajiet ta' investment relatati mal-estrazzjoni tal-minerali fl-Ukrajna, inklużi d-depożiti tal-materja prima kritika (CRM, critical raw material) disponibbli għal-liċenzjar permezz ta' rkantijiet elettroniċi u offerti tal-PSA. Id-dokument jinkludi ħarsa ġenerali lejn id-depożiti identifikati u d-diversi ktajjen tal-provvista, u tal-istrateġiji tas-CRM fl-UE.

Jipprovdi wkoll mappa tal-materja prima kritika fl-Ukrajna b'deskrizzjoni qasira tad-depożiti disponibbli, kodiċijiet QR li jwasslu għal informazzjoni aktar dettaljata, liċenzji, u lista ta' investituri strateġiċi potenzjali għal tipi differenti ta' proġetti ta' investment tas-CRM.

B'mod ġenerali, dan id-dokument jenfasizza l-isforz tal-Ukrajna biex ittejjeb l-attraenza tal-pajjiż għall-investimenti fis-settur tas-CRM.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 13.4

Isem il-pass: It-tnedija ta' offerti internazzjonali konnessi mal-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti (PSA) b'garanzija għat-trasparenza tagħhom

Riforma/investment relatat: Riforma 2. Proċeduri amministrattivi mtejjba

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 13.4 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"It-tnedija u l-pubblikazzjoni tal-offerti internazzjonali tal-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti (PSA), bl-użu tat-termini mudell tal-ftehim kif miftiehem mill-Gvern. It-trasparenza tal-offerti u tal-Ftehimiet tal-PSA żgurata permezz tal-aċċess miftuħ għat-termini tiegħu."

Il-Pass 13.4 huwa wieħed minn żewġ passi fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 "Proċeduri amministrattivi mtejba" fil-Kapitolu 13 (ġestjoni tal-materja prima kritika), mistenni fit-tieni trimestru tal-2025. It-tieni pass huwa l-Pass 13.3, li huwa wkoll parti mill-pagament parzjali attwali. Ir-Riforma 2 għandha Pass 13.5 addizzjonali wieħed, mistenni fl-ewwel trimestru tal-2025, diġà vvalutat b'mod pożittiv taħt ir-raba' pagament parzjali.

Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tal-Protokoll Nru 62 mil-laqgħa tal-Kummissjoni Interdipartimentali dwar il-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti fit-30 ta' Ġunju 2025 li japprova l-*"mudell tal-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti (PSA)"*;
- 3) Kopja tal-*"mudell tal-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti (PSA)"* adottat mill-Kummissjoni Interdipartimentali dwar il-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti fit-30 ta' Ġunju 2025;
- 4) Kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 845 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna dwar *"Dwar l-approvazzjoni ta' listi ta' minerali u komponenti ta' importanza strateġika u kritika u listi ta' plottijiet tas-sottoswol (minerali) ta' importanza strateġika u/jew kritika"* bid-data tal-14 ta' Lulju 2025;
- 5) Kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 1059 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna *"Dwar iż-żamma ta' offerta għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kondiviżjoni tal-produzzjoni għall-minerali metalliċi li għandhom jiġu estratti u arrikkiti fid-depożitu ta' Dobra"* bid-data tas-27 ta' Awwissu 2025;
- 6) Kopja tal-Kurrier tal-Gvern Nru 187 (8112), p. 39, Pubblikazzjoni ta' avviż dwar iż-żamma ta' offerta, bid-data tat-12 ta' Settembru 2025.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 13.4.

L-objettiv tar-Riforma 2 huwa li tiġi ottimizzata l-proċedura u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-investituri potenzjali. L-għan ewlieni huwa li jittejbu t-trasparenza, il-ħeffa u l-kosteffiċjenza għal deċiżjonijiet ġodda ta' investment.

Il-Kummissjoni Intergovernattiva dwar il-ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-prodotti (il-"Kummissjoni PSA") approvat il-mudell PSA fit-30 ta' Ġunju 2025. Il-mudell PSA għandu jservi bħala bażi għal ftehimiet bejn il-gvern tal-Ukrajna u l-investituri. Fl-14 ta' Lulju 2025, il-Kunsill tal-Ministri adotta r-Riżoluzzjoni Nru 845, li tinkludi l-listi ta' minerali ta' importanza strateġika u kritika kif ukoll il-lista ta' plottijiet tas-sottoswol (depożiti minerali) ta' importanza strateġika u/jew kritika, li se jingħataw għall-użu permezz ta' proċess ta' sejħa għall-offerti għall-konklużjoni ta' PSA.

Il-Kummissjoni PSA ddeċidiet li tniedi s-sejħa għall-offerti dwar il-konklużjoni ta' ftehim dwar il-kondiviżjoni ta' minerali metalliċi li għandhom jiġu estratti fid-depożitu ta' Dobra. Dan ġie kkonfermat mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 1059. L-offerta ġiet ippubblikata fit-12 ta' Settembru 2025.

B'mod ġenerali, l-adozzjoni tal-mudell PSA u r-Riżoluzzjoni Nru 845 tenfasizza l-impenn tal-Ukrajna li toħloq qafas regolatorju ċar li għandu l-għan li jattira investment barrani fis-settur tas-CRM. Bl-identifikazzjoni u s-sejħa għall-offerti ta' plottijiet tas-sottoswol ta' minerali kritiċi, l-Ukrajna tqiegħed lilha nnifisha bħala parteċipant proattiv fis-suq globali tas-CRM. Effettivament dan għandu l-għan li jsaħħaħ il-fiduċja tal-investituri, filwaqt li jallinja l-objettivi nazzjonali mal-istandards internazzjonali tal-investment.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 15.6

Isem il-pass: Tkompli tas-sistema obbligatorja ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV)

Riforma/investment relatat: Riforma 3. Mekkaniżmi tas-suq tal-ipprezzar tal-karbonju

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 15.6 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"It-tkomplija ta' sistema obbligatorja ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV) għall-faċilitajiet koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, ħlief għal dawk li mhumiex ikkontrollati, meqruda jew li jinsabu fit-territorju okkupat temporanjament, jew li ħabbru ufficialment is-sospensjoni tal-operazzjonijiet f'termini ta' produzzjoni."

Il-Pass 15.6 huwa t-tieni u l-aħħar pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 3 "Mekkaniżmi tas-suq tal-ipprezzar tal-karbonju" fil-Kapitolu 15 (it-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali), mistenni fit-tieni trimestru tal-2025. L-ewwel pass 15.5 dwar l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istabbiliment ta' Sistema Nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra diġà ntlaħaq b'mod sodisfaċenti.

Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li debitament jiġġustifika kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-Liġi Nru 4187-IX *"Dwar Emendi għal Ċerti Liġijiet tal-Ukrajna Rigward it-Tkomplija ta' Monitoraġġ, Rapportar u Verifika tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra"* bid-data tat-8 ta' Jannar 2025;

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 15.6.

L-objettiv tar-Riforma 3 huwa li jitrawwem l-iżvilupp ta' mekkaniżmi tas-suq għall-ipprezzar tal-karbonju u speċifikament li jiġi żgurat għbir xieraq tad-data lejn l-introduzzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fl-Ukrajna. Fit-8 ta' Jannar 2025, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi Nru 4187-IX *"Dwar Emendi ta' Ċerti Liġijiet tal-Ukrajna Rigward it-Tkomplija ta' Monitoraġġ, Rapportar u Verifika tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra"*, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2025.

Il-liġi iddaħħal mill-ġdid in-natura obbligatorja tas-sistema ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV) għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-livell tal-installazzjoni li bdiet topera fl-2021. Tali rekwiżiti obbligatorji ġew sospiżi minħabba l-impożizzjoni tal-liġi marzjali wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja fi Frar 2022. Din is-sistema MRV hija prerekwiżit għall-implimentazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u tirrikjedi li l-operaturi ta' installazzjonijiet li jipproduċu jew li jistgħu jipproduċu emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) jikkonformaw ma' sett ta' obbligi.

Is-sistema bħalissa tkopri 11-il tip ta' attività tal-ETS. Ir-Reġistru Unifikat huwa s-sistema għall-implimentazzjoni tal-MRV li bħalissa qed tiġi diġitalizzata. L-entitajiet koperti jeħtieġ li jissottomettu rapport annwali vverifikat dwar l-emissjonijiet GHG sa Marzu tas-sena ta' wara (rapportar). Ir-rapport dwar l-emissjonijiet GHG jeħtieġ li jiġi vverifikat minn awditur akkreditat ta' parti terza, akkreditat mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkreditazzjoni tal-Ukrajna (verifika). Skont il-liġi, it-territorji okkupati temporanjament, il-faċilitajiet mhux ikkontrollati u meqruda huma eżentati mill-obbligi.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti